MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Talba Numru. 366/2014

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Martin Cachia (ID235859M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u tlieta u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1273.79c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158917 moghtija mis-Socjeta’ attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok

IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' 'nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-21 t' April, 2015 mill-Avukata Dr Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u tlieta u sebghin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€1273.79c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------